# SANTU WISTIN

## QALB GĦATXANA GĦALL-GĦERF, GĦALL-VERITÀ U GĦALL-IMĦABBA

**Tibqa' dejjem ħaġa tal-għaġeb kif Santu Wistin sa minn meta kien għadu ħaj, bil-kitba u l-għemil tiegħu, sar wieħed mill-aqwa persunaġġi mhux biss tal-Knisja kattolika imma wkoll tal-umanita` kollha. Mal-medda taż-żmien kien hemm min ra fih dawl qawwi li jdawwal it-twemmin nisrani, isaħħaħ il-fidi kattolika, jerfa' `l fuq l-intelliġenza u r-raġuni umana u jibni l-eżistenza tal-bniedem fuq prinċipji sodi. Oħrajn smerrewh, ikkunbattaweh u raw fit-tagħlim tiegħu pessimiżmu mill-akbar, jew inkella nterpretawh ħażin. Bħalma qal speċjalista franċiż ta' żminijietna, André Mandouze, quddiem Santu Wistin ħadd ma jista' jibqa' newtru, wieħed irid jieħu pożizzjoni, jew favur jew kontra.**

Twieled ġewwa Tagaste (illum Souk-aħras) fl-Alġerija fit-13 ta' novembru 354. Patrizju, missieru, kien raġel twajjeb imma jitlagħlu malajr; sar nisrani ftit qabel il-mewt meta Santu Wistin kien għadu żagħżugħ. Monika, ommu, kienet ta' nisel berberu ġejja minn familja xi ftit sinjura u nisranija konvinta. Tatu edukazzjoni nisranija, fuq kollox għallmitu min kien Kristu, isem li kif jgħid hu stess fl-Istqarrijiet xorob mal-ħalib tagħha. Sa minn ċkunitu, Santu Wistin wera personalita` qawwija. Kellu karattru passjonali, ma kien jaf jagħmel xejn bin-nofs, speċjalment fl-imħabba.

Ta' tifel kien jogħbod l-iskola u s-swat li kien jirċievi għax ma kienx jistudja, kien iħobb il-logħob u jinganna biex jirbaħ. Il-ġeneturi tiegħu mal-ewwel intebbħu bl-intelliġenza tiegħu u biex jibgħatuh fl-aħjar skola kellhom jissellfu l-flus. Kien għatxan għall-għerf, għall-verita' u għall-imħabba. Ta' żagħżugħ innamra mil-letteratura latina u sab fiha l-espressjoni tas-sentimenti tiegħu. Ġo Kartaġni studja fl-aħjar universita` tal-Imperu Ruman, ħabb tfajla li baqa' fidil lejha għal tnax-il sena u minnha kellu iben, Adeodat, li mietlu ta' sittax-il sena.

Kellu jkun il-ktieb ta' Ċiċerun, l'Hortensius, li fetaħlu t-triq li refgħatu mid-dinja tas-sentimenti u l-emozzjonijiet lejn l-għerf, il-Verita' u l-Imħabba dejjiema. Imma xi triq imserrpa u mnassba b'ideat, filosofiji u reliġjonijiet foloz kellu jgħaddi minnha qabel ma sab l-ekwilibru tiegħu u l-veru fuss ta' ħajtu! Għal tlettax-il sena Santu Wistin fittex lilu nnifsu fil-Manikejiżmu, fix-Xettiżimu, fil-Platoniżmu u ma sabx ħlief delużjoni intellettwali, reliġjuża u miżerja eżistenzjali.

Fl-aħħar, ta' tlieta u tletin sena, ġewwa Milan sab u ħaddan dak il-Ġmiel li tant xtaq. Fuqu niseġ dawk il-vrus poetiċi li nsibuhom fl-Istqarrijiet: "*Domt ma ħabbejtek O ġmiel hekk qadim u hekk ġdid, domt ma ħabbejtek: U int kont ġewwa fija u jiena kont barra minni nnifsi, miegħi kont u jiena miegħek ma kontx. Sejjaħt u għajjatli u l-għatja tiegħek taqbet it-truxija tiegħi. Doqt tjubitek, u issa jien ġewwa u għatxan għalik; missejtni, u sirt imħeġġeġ għas-sliem tiegħek*". (Istqarrijiet, X, 27). Fl-24 ta' April 387 irċieva l-Magħmudija minn idejn Sant'Ambroġ u minn dak il-ħin Wistin sar kollu ta' Kristu.

Ħalli l-karriera, il-flus u l-unur; qatagħha li jgħix kast bħala l-qaddej ta' Alla fil-ħajja reliġjuża. Reġa' lura lejn Art twelidu u fejn kien twieled u biegħ kollox ħlief l-proprjeta` żgħira tal-ġeneturi li fiha waqqaf l-ewwel komunita` agostinjana. Ried jgħix fil-kontemplazzjoni, fl-istudju tal-Kotba Mqaddsa u fis-servizz tal-Knisja u ta' ħutu l-bnedmin. Imma Alla kellu proġett ieħor għalih. Fis-sena 391 ġie fil-belt ta' Ippona u waqt li kien il-knisja l-ġemgħa kaxkritu quddiem l-isqof Valerju li ordnah saċerdot. Sitt snin wara Santu Wistin ħa post Valerju li kien għadu kemm imut u sar l-isoqf ta' Ippona.

Minn dak il-waqt Santu Wistin ħa f'idejh il-bastun tar-ragħaj biex imexxi in-nagħaġ li l-Mulej afdalu f'idejh lejn il-verita` u s-sewwa u fuq kollox lejn fidi aktar matura. Imgħallem famuż tal-kelma, Santu Wistin b'passjoni kbira u bl-akbar sabar kien jitma' lill-poplu tiegħu b'aqwa ikel billi jfissirlu l-Kotba Mqddsa u l-Misteri tal-fidi. Iżda hu kien jaf li Kristu ma ġiex biex jifdi biss l-ispirtu tal-bniedem, imma l-persuna kollha tiegħu. F'Ippona kien hemm xi ftit tas-sinjuri li kellhom kollox f'idejhom: raba', djar lussużi, ġid, setgħa u poter. Il-bqija kienu kollha nies foqra tant li Santu Wistin kien isejjaħ lilu nnifsu **"Il-fqir tal-foqra"**. Iġġieled għad-drittijiet ta' dawn il-foqra u mhux l-ewwel darba li l-awtorijiet kienu joħduha kontra tiegħu.

Mhux ta' b'xejn li l-opra kolossali tiegħu, Il-Belt ta' Alla, li bdieha fl-412 u spiċċaha ftit snin qabel mewtu li ġrat fl-430 hija monument li għadu jispira l-glieda ta' żminijietna għal aktar solidarjeta` u ġustizzja soċjali. Meta kitibha kellu quddiemu l-miżerja umana fil-kundizzjoni inumani tal-poplu ta' Ippona. Ħares lejn il-proġett li Alla kellu meta ħalaq il-bniedem u fehem li l-egoiżmu uman kisser dan il-proġett li Kristu reġa' waqqaf fuq saqajh. F'din l-opra kbira jurina kif il-Knisja rċeviet il-missjoni li tibni poplu nisrani biex ma' dawk ta' rieda tajba joħloq kundizzjonijiet umani u spiritwali ħalli l-bniedem ikun jista' jiġġedded, jikseb il-vera dinjità tiegħu u jsawwar familja fejn ħadd ma jiġi emarġinalizzat.

Fost l-opri kbar tiegħu ta' min isemmi: L-Istqarrijiet, Il-Belt ta' Alla, It-Tifsir tas-Salmi, Kommentarju fuq il-Vanġelu ta' San Ġwann. Ħallielna ħafna prietki, ittri u tant kitbiet oħra li fis-sempliċità u l-profondità tagħhom jixhdu kemm Santu Wistin kien qalb għatxana għall-għerf, għall-verità u għall-imħabba ta' Alla u tal-bniedem.

***P. Luċjan Borg OSA***


**Kunsill Lokali Valletta**
31, Triq Nofs-in-nhar, Valletta VLT 1131
**E-MAIL:** valletta.lc@gov.mt
**TEL:** 21 230 789, 21 231 026, 21 234 141
**FAX:** 21 234 323


# *Il-Kapitali...*
*kuntatt miegħek*



Festi ta'
**Santu Wistin u Santa Rita 2009**
fil-Parroċċa ta' Santu Wistin
fil-Belt Valletta

***Fl-okkażjoni tal-festi ta' Santu Wistin u Santa Rita, is-Sindku Alexiei Dingli, flimkien mal-Viċi Sindku, il-Kunsilliera, is-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-Kunsill Lokali tal-lokalità ta' Valletta jawguraw il-festa t-tajba lill-Beltin kollha.***

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SANTU WISTIN 2009

## FESTI TA' ĠEWWA

### IS-SIBT, 25 TA' APRIL 2009

7.15 pm Quddiesa ta' Radd il-Ħajr tal-Parroċċa tagħna minn Fr. Manwel Borg Bonello OSA

### IL-ĦADD, 26 TA' APRIL 2009

9.30 am Quddiesa għall-bżonnijiet ta' morda u l-anzjani tal-Parroċċa.
7.15 pm Quddiesa mill-Prijur Ġenerali ta' l-Ordni Agostinjan, P. Robert Prevost osa u bis-sehem tal-Komunita. Wara ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santu Wistin min-niċċa.

### IT-TNEJN, 27 TA' APRIL 2009

**JUM T-TFAL U ADOLEXENTI**

7.15 pm Quddiesa għall-bżonijiet tat-Tfal kollha tal-Parroċċa fejn fiha jieħdu sehem il-ġenituri u l-katekisti kollha. Iqaddes Fr. Alex Cauchi OSA.

### IT-TLIETA, 28 TA' APRIL 2009

**JUM IL-BENEFATTURI ĦAJJIN U MEJTIN**

7.15 pm Quddiesa għall-benefattri mejtin u ħajjin. Waqt il-quddies isir talb għall-mejtin li mietu matul din is-sena. Iqaddes P. Lelsie Gatt OSA

**JIEM TA' TRIDU**

### L-ERBGĦA, 29 TA' APRIL 2009

**JUM IL-FAMILJA U L-KOPPJI L-ĠODDA**

6.45 pm Quddiesa mmexxija mill-kappillan u bi ħsieb fuq Santu Wistin minn P. Pawl Aqilina OSA. Għal din il-quddiesa sejrin nistiednu lill-Koppji l-ġodda li żżewġu din is-sena u lil dawk il-familji li din is-sena għalqu 50, 25 jew 10 snin miż-żwieġ tagħhom. Wara Ċelebrazzjoni Ewkaristika, Innu u bews tar-Relikwija.

### IL-ĦAMIS, 30 TA' APRIL 2009

**JUM IS-SAĊERDOTI U JUM IL-VOKAZZJONIJIET**

**IT-13-IL ĦAMIS TA' SANTA RITA**

6.45 pm Rużarju u quddiesa bi ħsieb fuq Santu Wistin minn Rev P. Robert Prevost, General ta' l-Ordni Agostinjan bis-sehem tal-tal-membir tal-Provincja Agostinjana Maltija, tas-saċerdoti residenti fil-Parroċċa u l-Grupp Vokazzjonali. Wara Ċelebrazzjoni Ewkaristika, Innu u bews tar-Relikwija.

### IL-ĠIMGĦA, 1 TA' MEJJU 2009

**JUM L-GĦAQDIET TAL-PARROĊĊA**

6.45 pm Rużarju u quddiesa bi ħsieb fuq Santu Wistin minn P. Mario Abela OSA. u bis-sehem tar-rappreżentanti tal-għaqdiet tal-Parroċċa u tal-Kunsilli Pastorali tal-Belt u l-Floriana Wara Ċelebrazzjoni Ewkaristika, Innu u bews tar-Relikwija.

### IS-SIBT, 2 TA' MEJJU 2009

**LEJLET IL-FESTA**

6.30 pm Translazzjoni tar-Relikwija ta' Santu Wistin minn P. Lucjan Borg OSA Provinċjal. Għasar kantat u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
7.15 pm Quddiesa għall-bżonnijiet tal-Parruċċani kollha mill-Kappillan Fr. F. Saviour Grima OSA.

### IL-ĦADD, 3 TA' MEJJU 2009

**JUM IL-FESTA**

7.30 am Quddiesa Konċelebrata mill-Provinċjali, Kappillani u Retturi tal-knejjes tal-Belt.
9.30 am Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Nunżju Appostoliku, Mons Tommaso Caputo.
11.30 am Quddiesa.
6.15 pm Għasar Solenni.
7.00 pm Quddiesa.
7.30 pm Purċissjoni bl-Istatwa ta' Santu Wistin.
9.30 pm Dħul tal-Purċissjoni. Innu, Kant tal-Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Il-mużika tas-Sibt filgħaxija u tal-Jum il-Festa tkun taħt it-tmexxija tal Mro Tony Pace u jkanta l-Kor Sine Macula ta' Ħal Safi

## FESTI TA' BARRA

### IL-ĠIMGĦA, 1 TA' MEJJU 2009

8.00 p.m. Buffet organizzat mill-Kumitat tal-Festa Santu Wistin.

### IS-SIBT, 2 TA' MEJJU 2009 LEJLET IL-FESTA

8.00p.m. Il-Banda Cittadina King's Own tal-Belt Valletta ddoqq marċi f'dawn it-toroq: Republic Str., St. John Str., Old Bakery Str., St. Lucia Str., Old Mint Str., St. Mark Str., St. Patrick Str., St. Lucia Str., West Str., Pjazza Mattia Preti u Marsamxett.



### IL-ĦADD, 3 TA' MEJJU 2009

**JUM IL-FESTA**

6.30 p.m. Il-Banda San Ġużepp tal-Għaxaq. iddoqq marċi f'dawn it-toroq: Melita Str., Old Bakery sal-knisja u wara takkumpanja l-purċissjoni.



# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SANTA RITA 2009

### IL-ĦAMIS 14 TA' MEJJU 2009

**L-AĦĦAR ĦAMIS TA' SANTA RITA**

Fid-9.05 am tingħad il-kurunella, qari tal-grazzji mitluba u maqlugħa, la ħhar qari dwar il-ħajja tal-qaddisa u quddiesa. Fis-6.45 pm jingħad ir-Rużarju u lkurunella, Quddiesa bl-ħsieb fuq il-qaddisa, adorazzjoni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### IS-SIBT 16 TA' MEJJU 2009

**JUM IL-MORDA U L-ANZJANI**

Quddiesa fid-9.30 am u dilka tal-griżma mqaddsa. Tingħata tifkira lil dawk preżenti.

### IT-TNEJN 18 TA' MEJJU 2009

Fil-5.00 pm laqgħa għat-tfal kollha tad-duttrina fil-knisja fejn nitolbu flimkien u naħsbu fuq il-ħajja tal-qaddisa b'reċta żgħira.

### JIEM TA' TRIDU IT-TLIETA, L-ERBGĦA U L-ĦAMIS 19, 20 U 21 TA' MEJJU 2009

**JIEM TA' TRIDU BI THEJJIJA GĦALL-FESTA TAL-QADDISA TA' L-IMPOSSIBLI.**

Fis-6.45pm Rużarju u kurunella, Quddiesa minn Patri Mario Galea OFM Conv. li jagħmel ukoll it-tridu. Wara Ċelebrazzjoni Ewkaristika, kant ta' l-innu ta' Santa Rita u bews tar-relikwija.

### IL-ĠIMGĦA 22 TA' MEJJU 2009, JUM SANTA RITA.

Quddies, fis-6.00 am, 7.15 am fil-kant tas-salmi, fit-8.15 am, fid-9.30 am, fl-10.30 am, fil-11.30 am. F'nofs in-nhar tingħad is-supplika ta' Santa Rita u wara l-quddiesa.
5.00 pm Quddiesa letta.
6.00 pm Pellegrinaġġ mat-toroq tal-Belt, quddiesa.
7.15 pm Quddiesa Solenni tal-Festa ta' Santa Rita mmexxija mill-Provinċjal P. Luċjan Borg.

**SANTA RITA ITLOB DEJJEM 'L ALLA GĦALINA.**